MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 864/1972/1

**Tancredi sive Eddie Testa, u b'digriet tat-8 ta' Settembru 1978 stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Giovanna armla ta' Tancredi sive Eddie Testa, f'isimha stess bhala gia` partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minorenni Joseph u Stephen ahwa Testa, u ta' Raymond u Frederick ahwa Testa ulied maggorenni tal-imsemmi Tancredi sive Eddie Testa**

**vs**

**Consiglio D'Amato**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Ottubru 1972 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi bejn il-kontendenti kien hemm assocjazzjoni relativa ghall-importazzjoni, bejgh u tiswija ta' radji u televisuri u accessorji, li kienet esercitata taht l-isem “Western Radio Service” f'l-istabiliment f'Saint Joseph (High) Street, Hamrun, u, kaxxier tal-assocjazzjoni kien il-konvenut li kien izomm f'idejh il-fondi komuni u l-kotba;

U, peress illi, meta l-partijiet itterminaw dina l-assocjazzjoni ma qablux dwar l-ammont li l-attur kien baqaghlu jiehu ghal sehmu mill-profitti komuni, wara li jinqatghu d-drawings li huwa kien ghamel, u ghalhekk, bi skrittura tad-9 ta' Dicembru, 1967, (Dok. A) il-partijiet kienu ftehmu li jinkarikaw erba' komputisti, jew accountants biex jesaminaw il-kotba u johorgu prospett li juri d-dhul u l-hrug tal-assocjazzjoni u obbligaw ruhhom li joqoghdu ghar-risultat illi jaslu fih dawna il-komputisti;

U peress illi dawna l-komputisti fil-25 ta' Gunju, 1972 ippresentaw il-prospett taghhom unanimu (Dok. B) li minnhu jirrisulta li l-attur baqaghlu jiehu minghand il-konvenut ghal sehmu mill-profitti, liri maltin wiehed u ghoxrin elf seba' mijja u tnejn (Lm21,702) hdax il-centesimu (11c) u tliet millesimi (3m) ghall-bilanc ta' sehmu mil-profitti tal-assocjazzjoni fuq indikata li l-konvenut zamm f'idejh kif jirrisulta min dik ir-relazzjoni;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u zewg liri Maltin, hdax-il centezmu u tliet millezmi (Lm21,702.11,3) ghall-bilanc ta' sehmu mill-profitti tal-imsemmija assocjazzjoni liema somma l-konvenut kien zamm f'idejh u dana kif jirrizulta mir-relazzjoni fuq indikata tal-erba' esperti inkarikati mill-partijiet a basi tal-ftehim fuq indikat.

Bl-interessi kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 1972, kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fil-ligi peress li:

(1) l-iskrittura tad-9 ta' Dicembru, 1967 hi nulla u bla effett peress li biha gew nominati erba' komputisti, mentri l-ligi tirrikjedi li n-numru tal-arbitri irid ikun bil-fard (Art. 967 tal-Kodici tal-Procedura);
(2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel paragrafu d-decizjoni tal-arbitri hi nulla u bla effett (a) peress li l-iskrittura tal-arbitrat waqghet wara sitt xhur skond l-Artikolu 972 (2) tal-istess Kodici; u (b) ghaliex il-formalitajiet tal-ligi rigwardanti il-qari u prezentata tad-decizjoni ma gewx segwiti;

(3) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konkluzzjonijiet tal-arbitri huma zbaljati ghar-ragunijiet li ittiehdu in konsiderazzjoni l-importazzjoni u bejgh ta' spare parts tar-radji meta dawn qatt ma kienu jifformaw parti mill-operat komuni, u ghal ragunijiet ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fosthom li ma ezaminawx il-kotba kollha, u lanqas ma semghu provi mill-partijiet;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-7 ta' Jannar 1975 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Ciappara bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonjiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-26 ta' April 1989 li permezz tieghu l-kawza giet differita sine die;

Rat id-digriet tat-28 ta' Frar 1990 li permezz tieghu l-kawza giet riappuntata ghat-30 ta' April 1990;

Rat id-digriet tat-22 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu ghall-perit legali msemmi gie sostitwit l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre bl-istess inkarigu;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 2000 li permezz tieghu, wara sottomissjonijiet li saru seduta stante, ezenta lill-perit legali mill-inkarigu tieghu;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2000 mnejn jirrizultali l-partijiet kienu se jesploraw il-possibilita` ta' transazzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fis-6 ta' Gunju 2000 li permezz taghha gie eccepit li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;
Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut fir-rigward;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u sollevata permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-konvenut fis-6 ta' Gunju 2000.

L-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

**"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:**
**….**
**(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".**

Il-konvenut qieghed jibbaza din l-eccezzjoni fuq il-fatturi msemmija fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u cioe`:

1. Illi l-assocjazzjoni bejn il-partijiet giet terminata fl-1961;
2. Illi fl-iskrittura tad-9 ta' Dicembru 1997 huma kienu qabbdu erba' komputisti sabiex jippreparaw l-accounts u ma kien hemm l-ebda rabta kuntrattwali da parti tal-konvenut biex dan ihallas dak li jkun stabbilit mill-istess komputisti;

3. Illi lanqas l-attur ma xehed illi l-konvenut intrabat ghall-hlas tal-ammont hekk stabbilit.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar ix-xoljiment ta' l-assocjazzjoni bejn il-partijiet fl-1961 u li bejn tali xoljiment u l-iskrittura ta' l-1967 allura kienu dekorrew aktar minn hames snin. Li jrid jigi ezaminat pero` huwa s-sinjifikat ta' l-iskrittura li huma ffirmaw fid-9 ta' Dicembru 1967. Din l-iskrittura tghid testwalment hekk:

"Ahna li hawn taht iffirmati nawtorizzaw lis-sinjuri Azzopardi, Sammut, Bonnici u Muscat biex jiccekkjaw il-kotba ta' l-Input u l-Expenditure etc. re il-bilanc li juru fil-prezent u biex jiccekkjaw il-korrettezza tieghu.

Ahna wkoll naccettaw li il-finalita` tar-rizultat li jaslu ghalih jigi accettat minn ghandna it-tnejn. Bhala approvazzjoni ta' dan li jidher hawn fuw (**recte:** fuq) ahna qeghdin niffermaw ghalih."

Huwa minnu li l-kompitu tal-accountants kien illi jiccekkjaw l-accounts izda l-partijiet intrabtu permezz ta' dan il-ftehim li <u>jaccettaw</u> l-ezitu tal-komputazzjonijiet. Mix-xiehda ta' Edwin Sammut tal-21 ta' Mejju 1974 (a fol. 31 u 32) huwa evidenti x'kien l-iskop ta' l-imsemmi ezercizzju, cioe` biex jigi stabbilit jekk kienx hemm xi bilanc dovut. Fil-fatt Edwin Sammut jghid li qabel ma saret l-iskrittura l-konvenut "qal li huwa joqghod ghal dak li jirrizulta mill-kotba mizmuma minnu". Ghalhekk l-iskrittura ffirmata minn Tancredi Testa u Consiglio D'Amato tikkostitwixxi accettazzjoni da parti tal-konvenut (u tal-attur ukoll) ta' kwalunkwe dejn li jistabilixxu l-komputisti fil-limiti ta' l-inkarigu taghhom.

Issa l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

**"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."**

U kif gie rietnut diversi drabi mill-Qrati taghna, il-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur. Meta t-terminu tal-

preskrizzjoni relattiva jkun gia ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Ta' min jirrileva hawn li l-gurisprudenza taghna tirrtjeni li l-interruzzjoni kif ukoll ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu[1].

Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta v. Joseph Cassar** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 1998 (Vol. LXXXII.iii.211) intqal hekk:

"Kif gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna l-accettazzjoni tal-konvenut li jittratta mal-attur dwar l-ilment tieghu u sahansitra joffrilu ftehim jimplika rinunzja ghal preskrizzjoni (anke jekk gia` akkwistata) in kwantu hija inkompatibbli mal-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha."

M'hemm l-ebda dubju li l-iskrittura ffirmata mill-konvenut fid-9 ta' Dicembru 1967 tiswa bhala rinunzja ghall-perijodu preskrittiv ta' hames snin li kien diga` ddekorra. Sussegwentement il-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali[2] tas-6 ta' Settembru 1972 biex ihallas. Ghalhekk il-perijodu ta' hames snin li rega' beda jiddekorri fid-9 ta' Dicembru 1967 gie mill-gdid interrott permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali izda mbaghad u giet intavolata c-citazzjoni odjerna fil-25 ta' Ottubru 1972. B'hekk l-azzjoni attrici mhijiex preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut, u, a tenur tad-distribuzzjoni tad-dmirijiet tal-Imhallfin, tiddifferixxi l-kawza sabiex tkompli tinstema' quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fil-11 ta' Frar 2005 fid-9.00 a.m.

---

[1] Ara Appell Kummercjali **Henry Micallef v. Michael Zarb**, 31 ta' Jannar 1995; Appell Civili **Mary Mallia et v. Joseph Galea**, 17 ta' Jannar 1995; Appell Civili **Carmelina Vella v. Anthony Borg noe**, 16 ta' Settembru 1994.

[2] Kopja legali giet esebita mill-attur fit-3 ta' Lulju 2001.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------